

BORD EWROPEW TAR-RISKJU SISTEMIKU

DEĊIŻJONI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU

tal-25 ta' Marzu 2011

li tadotta r-Regoli ta' Kondotta tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku

(BERS/2011/3)

(2011/C 140/10)

IL-BORD ĠENERALI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali fl-Unjoni Ewropea tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(8) u l-Artikoli 7 u 8 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni BERS/2011/1 tal-20 ta' Jannar 2011 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 26 tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu waħdieni

Il-Kodiċi ta' Kondotta tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku

1. Il-Kodiċi ta' Kondotta tal-Bord Ewropew għar-Riskju Sistemiku stabbilit fl-Anness għal din id-Deċiżjoni huwa b'dan adottat; huwa għandu jiffirma parti integrali minn din id-Deċiżjoni.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

3. Id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fuq il-websajt tal-BERS.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-25 ta' Marzu 2011

Il-President tal-BERS

Jean-Claude TRICHET

⁽¹⁾ ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 58, 24.2.2011, p. 4.

ANNEX

Kodiċi ta' Kondotta tal-Bord Ewropew Dwar ir-Riskju Sistemiku

1. Il-membri tal-Bord Ġenerali, tal-Kumitat ta' Tmexxija, tal-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv u tal-Kumitat Tekniku Konsultattiv (minn hawn 'il quddiem flimkien imsejħa l-"kumitati konsultattivi") tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) għandhom josservaw l-ogħla standard ta' mgħiba etika, skont il-prinċipji li japplikaw għalihom taħt ir-regoli applikabbli fl-istituzzjonijiet li minnhom huma jingħażlu. Huma mistennija jikkunsidraw il-karattru pubbliku tal-funzjoni tagħhom u jgħibu ruħhom b'mod li jissalvagwardja u jippromovi l-fiducia tal-pubbliku fil-BERS. Huma mistennija li jaġixxu onestament, indipendentement, imparzjalment u fl-interess tal-Unjoni kollha biss, b'diskrezzjoni u mingħajr ma jikkunsidraw interessi tagħhom stess u li jevitaw kwalunkwe sitwazzjoni li tista' twassal għal kunflitt ta' interess personali. Kunflitt ta' interess jinqala' fejn il-membri għandhom interessi finanzjarji jew mhux finanzjarji privati jew personali, li jistgħu jinfluwenzaw jew jidhru li jinfluwenzaw it-tweqqig imparzjali u oġġettiv ta' dmirijiethom. Interessi privati jew personali tal-membri tfisser kull vantaġġ potenzjali għalihom infushom, il-familji tagħhom, qraba oħrajn tagħhom jew iċ-ċirku ta' ħbieb u konnoxxenzi tagħhom.
2. Membri tal-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv għandhom jikkonformaw ukoll ma' kwalunkwe regoli ta' kondotta addizzjonali li għalihom jista' jkun hemm provvedimenti fl-ittra tal-ħatra tagħhom u fil-kuntratt tagħhom mal-Bank Ċentrali Ewropew.
3. Meta jkunu qegħdin jagħmlu diskorsi pubbliċi jew dikjarazzjonijiet u fir-relazzjonijiet mal-medja dwar kwistjonijiet relatati mal-BERS, il-membri tal-Bord Ġenerali, il-Kumitat ta' Tmexxija u l-kumitati konsultattivi tagħhom għandhom: (a) jagħmlu ċar jekk humiex qegħdin jikkellmu fisimhom stess jew fisem il-BERS, f'liema każ huma għandhom jikkonsultaw mal-President tal-BERS jew ma' wieħed mill-Viċi Presidenti bil-quddiem; (b) jagħmlu hilitom biex jirrispettaw ir-rwol rappreżentattiv tal-President; (c) jirrispettaw bis-sħiħ il-kunfidenzjalità; u (d) iqisu kif inhu xieraq ir-rwol u d-dmirijiet tagħhom fil-BERS.
4. Membri tal-Bord Ġenerali, il-Kumitat ta' Tmexxija u l-kumitati konsultattivi jistgħu jagħmlu attivitajiet ta' tagħlim u akkademiċi kif ukoll attivitajiet mingħajr profitt fil-kapaċità personali tagħhom. F'kontribuzzjonijiet xjentifiċi jew akkademiċi dwar kwistjonijiet relatati mal-BERS, huma għandhom jagħmlu ċar illi l-kontribut isir f'kapaċità personali u ma jirrappreżentax l-opinjonijiet tal-BERS.
5. Is-segretezza professjonali teħtieġ illi informazzjoni dwar attivitajiet tal-BERS u deċiżjonijiet li ma jkunux ġew żvelati legalment lill-pubbliku ma jiġux imxandra.
6. Membri tal-Bord Ġenerali, il-Kumitat ta' Tmexxija u l-kumitati konsultattivi m'għandhomx jużaw informazzjoni li mhix pubblika għall-interessi privati tagħhom jew ta' ħaddieħor. B'mod partikolari, huma għandhom iżommu lura milli jużaw din l-informazzjoni fi kwalunkwe tranżazzjonijiet finanzjarji privati, kemm direttament kif ukoll indirettament permezz ta' partijiet terzi u kemm jekk imwettqin b'riskju għalihom stess u fisimhom, jew b'riskju u fisem terzi.
7. Ir-rispett għall-prinċipju tal-indipendenza huwa inkompatibbli mal-applikazzjoni għal, ir-riċeviment jew l-aċċettazzjoni minn kwalunkwe sors ta' kwalunkwe benefiċċju, premju, remunerazzjoni jew rigali li jeċċedu ammont li jkun il-prassi, jekk finanzjarji jew mhux finanzjarji, li huma konnessi fi kwalunkwe mod mal-funzjoni jew attività mwettqa għall-BERS.
8. Paragrafi 5 sa 7 għandhom ikompli japplikaw għall-Membri tal-Bord Ġenerali, il-Kumitat ta' Tmexxija u l-kumitati konsultattivi wara t-terminazzjoni tal-mandat tagħhom għall-BERS.
9. Dan il-Kodiċi ta' Kondotta għandu japplika wkoll għall-membri alternattivi u s-sostituti ta' membri tal-Bord Ġenerali u għall-persuni li jakkumpanjawhom, għall-membri alternattivi tal-Kumitat ta' Tmexxija u għall-membri tal-Kumitat Tekniku Konsultattiv.